QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

It-Tnejn 16 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

32.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

32.2 Ghazla tal-offerti ghal xoghol ta' *scarifying* u asphaltar ta' parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna.

32.2.1 Ghal din il-parti tal-laqgha attenda l-Perit tal-Ministeru ghal Ghawdex Robert Cachia. Nhar it-Tnejn 9 t'April 2018 saret laqgha tal-bord tal-evaluazzjoni dwar l-ghazla tal-offerti ghal xoghol ta' *scarifying* u aphaltar ta' parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna. Il-Kunsill studja r-rapporti tal-evaluazzjoni u unanimament qabel ma dawn ir-rapporti. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinbghat ittra lill-kuntrattur maghzul sabiex jekk ikun hemm xi xogholijiet *extra* jew *variations* il-Kunsill irid jigi informat bihom qabel ma jsiru dawn ix-xogholijiet sabiex jkun jista jghaddihom ghall-approvazzjoni.

Giet trattata din il-materja:

Il-Vici Sindku Jesmond Borg staqsa jekk il-Kunsill meta kien Sindku Clint Camilleri kienx applika ghal fondi Rurali tal-Unjoni Ewropea. Gie diskuss li ma kienet saret ebda applikazzjoni. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li din l-applikazzjoni kienet ilha mifuha mit-13 t'April 2018 u li hu accetta l-kariga ta' Sindku fis-6 ta' Lulju 2018. Huwa semma li l-ewwel gimghat huwa kien ghadu qed jara x'tinvolvi din il-kariga ta' Sindku. Wara dan inqala l-incident li kien involut fih Joseph Buttigieg haddiem tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation u l-applikazzjoni ghalqu fis-26 ta' Lulju 2018 u ghalhekk ma kienx baqa zmien wisq biex wiehed jiehu inkonsiderazzjoni din l-applikazzjoni. Huwa semma wkoll li ilu jitkellem ma diversi nies sabiex il-Kunsill jithallas il-kumplament tal-mizura 413.4 u li l-Kunsill ghadu ma hadhomx. Il-Vici Sindku semma li dan irid isir bil-miktub. Is-Segretarja semmiet li din mhiex xi haga gdida peress li din il-materja giet diskussa kemm il-darba fil-laqgha tal-Kunsill u li hija flimkien mas-Sindku ta' qabel Clint Camilleri sahansitra marru l-Paying Agency Malta fuq din il-kwistjoni.

Il-Vici Sindku staqsa jekk il-Kunsill ircieviehx xi ittra minn Avukat fuq il-kwistjoni tal-incident ta' Joseph Buttigieg peress li l-Kunsill ma giex informat. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li l-Kunsill ircieva ittra u li din giet mghoddija dritt lill-Avukatha tal-Kunsill sabiex tiehu azzjoni f'isem il-Kunsill. Hija semmiet li peress li fl-Agenda tal-laqgha tal-lum m'hemmx mnizzel kommunikazzjoni mis-Sindku u din il-korrispondenza thalliet sabiex tigi mghoddija fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li hemm xi ghajdut li ser isir zvilupp fl-*area* li tinsab vicin il-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard. Is-Sindku semma li ghad mhemmx applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp. Gie diskussa li l-Kunsill ghandu jiccekkja fil-*website* tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li saret *press conference* dwar il-propost progett ta' *reverse osmosis* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien u li f'din il-*press conference* is-Sindku Paul Buttigieg

semma li l-Kunsill Lokali Qala approva dan il-progett. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li dan mhux minnu u li l-Kunsill qatt ma qabel ma dan il-progett. Huwa semma wkoll li l-Kunsill qabbad professjonisti izda hadd minnhom ghadu ghamel xi tip ta' rapport. Il-Kunsillier Paul Buttigieg flimkien mal-Kunsillier Karl Buttigieg semmew li l-Kunsill kellu diversi suggerimenti u kjarifiki u li dawn s'issa qatt ma gew ittakiljati. Is-Sindku semma li anzi huwa flimkien mal-Kunsillier Paul Buttigieg semma li xhin kellhom laqgha mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma gew diskussa xi kjarifikazzjonijiet. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li bil-miktub il-Kunsill ma jrcieva ebda risposta dwar kjarfikazzjonijiet li tqajmu f' din il-laqgha. Is-Sindku Paul Buttigieg u l-Vici Sindku Jesmond Borg qallu li raw ir-rapport ta' Alan Deidun izda il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Kunsill m'ghandux kopja u li l-unika rapport li huwa ra kien ir-rapport tal-ERA li lanqas biss taw risposta ghalih il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Huwa semma li huwa mhux ma jaqbilx li ma jsirx dan il-progett izda il-Kunsill ghandu jaghmel certu kundizzjonijiet halli jigi salvagradwati l-bajja ta' Hondoq ir-Rummien u n-nies tal-Qala. Gie diskuss li hemm xi ghajdut li EIA mhux ser isir mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. EIA ghandu jsir peress li l-izvilupp ser ikun vicin il-bajja. Fl-ahhar il-Kunsill iddecida li ghandha tinbghat ittra lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex isir laqgha maghhom kif ukoll ittra ohra lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex isir laqgha mal-*case officer.*

Giet trattata ittra minghand il-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Mario Fava dwar Cirkulari CIR AKL 94/2017 multi mill-Awtorita` tas-Sahha u Sigurita` fuq il-post tax-xoghol. Il-Kunsill iddecida li s-Sindku Paul Buttigieg ghandu jkun responsabbli mir-rapport tar-*risk assessment*.

**32.3 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

32.3.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 4 ta' Lulju 2018.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva